**Magistrat**
**Dotor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**v**

**FRANCESCO SAVERIO BEZZINA WETTINGER**

**Illum, 31 ta' Jannar, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **FRANCESCO SAVERIO BEZZINA WETTINGER** ta' tnejn u sebghin sena bin Spiridione u Marietta nee Wettinger, imwieled l-Imsida nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 1926 u joqghod "Villa Wettinger", Triq l-Esperanto, l-Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 603926M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn t-tlieta ta' Gunju, 1991 u s-sbatax ta' Mejju, 1996 bhala propjetarju jew amministratur tal-fond St. Joseph Flats, Flat 2, B'Kara Road, San Giljan, b'azzjonijiet differenti, bi ksur l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kkommetta serq ta' kurrent elettriku li

jammonta ghal tlett mija u tmien liri maltin u disgha w disghin centezmu, ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, voluntarjament ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi meter tal-elettriku, jew is-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa serq huwa aggravat bil-mezz, ksur u valur.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli taghti l-piena stabbilita mill-ligi, f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali tas-sebgha ta' Mejju, 1999 esibit f'dawn l-atti a fol 11.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jghid li ma kellux aktar provi xi jressaq in konnessjoni mal-akkuzi odjerni u lil Avukat Difensur jirrimetti ruhu ghal atti fis-seduta tal-wiehed u tletin ta' Jannar, 2002.

Ikkunsidrat:

Illi **mix-xhieda ta' Silvio Decelis jirrizulta** li l-Korporazzjoni Enemalta giet missruqa s-somma ta' tlett mija u tmien liri maltin u disgha w disghin centezmu rapprezentanti uzu illecitu ta' konsum tal-elettriku. Skond ma qallu l-ufficjal Angelo Ellul, l-imputat odjern hallas dan d-debitu dovut u anke ghamel tajjeb ghal hsara fil-meter installat fil-fond Flat 2, St. Joseph Flats, B'Kara Road, San Giljan.

Jirrizulta pero mill-atti, b'mod partikolari mir-*record of consumption* esibit a fol 17 li mid-disgha ta' Ottubru 1990 sal-hamsa w ghoxrin ta' Lulju, 1997 il-meter in kwistjoni kien registrat f'isem Saviour Grech. Issa minn ezami tas-*surprise inspection* maghmul fis-sbatax ta' Mejju, 1996, jirrizulta li l-meter A/C no. 490141150 kien ilu registrat f'isem Saviour Grech mill-1989. Pero minn ezami ta' dan d-dokument tirrizulta wkoll inkonsistenza ghaliex meta gie spezzjonat fil-presenza tal-imputat li kien qed juza l-flat bhala ufficju tieghu, l-Ufficjali tal-Enemalta ma setghux jiedhu l-*load* tal-flat ghaliex dak il-hin kien hemm biss tifla zghira.

Illi **l-imputat** ma xehdtx f'dawn il-proceduri pero kien **xehed fis-sbatax ta' Mejju, 1996 waqt l-ispezzjoni** quddiem l-espert nominat mill-Qorti, Philip Zammit.

Huwa stqarr li l-fond in desamina u cioe Flat 2, St. Joseph Flats, B'Kara Road, San Giljan kien ilu mikri lilu ghal perjodu ta' sena u kien abitat minn certu Bojan Chanev ghalkemm uzu tal-fond kellu bhala ufficju pero m'attendix fih regolarment. Qal li l-fond huwa mikri minghand certu Victor Licari. Huwa stqarr li qatt ma baghbas f'dan il-meter u lanqas biss kellu interess li jaghmel hekk.

Illi mill-provi prodotti ghalkemm saret allegazzjoni minn Silvio Decelis li l-imputat ghamel tajjeb ghal hsarat u ghad-debitu dovut lil Korporazzjoni Enemalta meta xehed fl-inkjesta nhar s-sbatax ta' Mejju, 1996, ma qal xejn minn dan u fil-fatt lanqas gie ngunt biex jixhed viva voce l-Qorti u mistoqsi dwar dan.

Fil-fehma tal-Qorti ma jidhirx li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza fil-konfront tal-imputat u cioe li kien hu li baghbas dan il-meter u konsegwentement seraq kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-lilgi u cioe l-artikolu 18, 263, 264, 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ma ssibx lil imputat FRANCESCO SAVERIO BEZZINA WETTINGER hati**

**tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni.**

Dwar it-talba sabiex il-Qorti tikkundanna lil imputat jhallsu l-ispejjes tal-espert mahtur minnha ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti tissoleva li dawn l-ispejjes gew inkorsi fl-inkjesta u mhux f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti qed tichad tali talba .

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**